# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' Marzu, 2020.**

**Numru 5**

**Citazzjoni numru 735/92SM**

**Richard Buhagiar, Anne Marie mart Anthony Gauci u Rosanne mart Pantelis Mairangas u l-istess Anthony Gauci u Pantelis Mairangas**

**v.**

**Kummissarju tal-Artijiet, illum Awtorita tal-Artijiet u direttur tax-Xoghlijiet Pubblici u b'digriet tat-23 ta' Novembru 1992 Carmelo Scicluna gie permess jintervjeni fil-kawza in statu et terminis u b'digriet tat-18 ta' Frar 2020 minflok Carmelo Scicluna jidhlu l-kliem Scicluna Enterprises Limited**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni li l-atturi pprezentaw fit-30 ta' Gunju, 1992 u li taqra hekk:

> "Billi l-atturi huma proprjetarji ta' tlett idjar adjacenti Dar Buhagiar, Villa Franjes u Villa Anne Rose kantuniera fi Triq Valletta Mosta b'entratura

fuq sqaq illum proprjeta` ta' terzi u dan kif jidher mill-fotografija hawn esebita u mmarkata Dokument D;

"U billi l-atturi permess ta kuntratt fl-atti tan-nutar Dr Franco Pellegrini tad-9 ta' Settembru, 1981 hawn esebit u market Dok A, kienu dahlu f'obbligazzjoni mal-intimat Kummissarju tal-Artijiet sabiex il-Gvern jakkwista u jirrendi pubbliku l-isqaq li jaghti fuq il-proprjeta` taghhom fuq imsemmija u ghal dan il-fini effettwaw fuq l-istess kuntratt il-pagament mehtieg;

"U billi sussegwentement ghal dan il-kuntratt il-Gvern Civili akkwista l-art formanti parti mill-istess sqaq b'Government Notice kopja ta' liema qed tigi hawn esebita u markata Dokument B, u dan b'dikjarazzjoni tas-6 ta' Ottubru, 1981;

"U billi fit-13 ta' Awissu, 1991 il-Gvern ippublika dikjarazzjoni ohra b'liema iddikjara li l-art fuq imsemmija ma ghadhiex izjed mehtiega ghall-skop pubbliku u dan wara li l-istess sqaq kien gie iffurmat u b'hekk kien sar pubbliku;

"U billi recentement l-atturi saru jafu li l-konvenuti bi hsiebhom jibnu hajt f'nofs dan l-isqaq b'mod li jippruġudikaw irrimedjabbilment it-tgawdija da parti tal-atturi tal-isqaq in kwistjoni u bi vjolazzjoni tal-pussess taghhom tal-istess sqaq;

"U billi in oltre l-atturi ghandhom x'jifhmu li din l-azzjoni ittiehdet wara rapport tal-Kummissjoni dwar l-Ingustizzji quddiem liema Kummissjoni huma la dehru u lanqas kellhom l-opportunita` li jidhru billi ma gewx infurmati bil-proceduri pendent quddiemha u ghalhekk dak li qed isir huwa rizultat tal-vjolazzjoni tad-dritt taghhom ghall-smiegh xieraq;

"U billi b'degriet tal-15 ta' Gunju, 1992 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ordnat il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti sabiex dawn jigu inibiti milli jibnu l-hajt fl-isqaq fuq imsemmi kif minnhom propost;

"U billi l-Gvern wara l-fuq imsemmija dikjarazzjoni kien ghadda biex jasfalta l-fuq imsemmi sqaq u anke ghamel fih arbli tad-dawl biex iservu l-pubbliku;

"Jghidu l-istess konvenuti ghaliex ma ghandhux jigi deciz u dikjarat:

"1. Li l-isqaq fuq imsemmi gie rez triq pubblika bl-azzjoni li ha l-Gvern kif fuq inghad inluz l-asfaltar tal-istess sqaq;

"2. Jigi dikjarat u deciz li d-dikjarazzjoni ppublikata fit-13 ta' Awissu, 1991 f'liema gie ddikjarat li l-art fuq imsemmija ma ghadhiex izjed mehtiega ghas-skop pubbliku u kienet konsegwentement irrita u nulla billi l-isqaq kien gie gja rez triq pubblika kif fuq inghad u l-istess sar in vjolazzjoni tad-drittijiet akkwistati mill-istess atturi bil-precitat kuntratt;

> "Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni numru 2174/91 fl-ismijiet premessi u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;
>
> "B'riserva ta' kull azzjoni ghad-danni spettanti lill-atturi minhabba l-precitat agir tal-konvenuti."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew:

> "1. Illi t-talbiet attrici huma insostenibbli fil-ligi peress li fil-kuntratt tad-9 ta' Settembru 1981, senjatament f'pagna erba' tal-istess, kien gie miftiehem illi xejn ma kellu jgieghel lill-Gvern jiffinalizza l-akkwist tal-art 'de quo', u f'kaz li l-Gvern ma jiffinalizzax dak l-akkwist l-atturi ikunu ntitolati ghar-rifuzjoni tal-ammonti mahruga minnhom.
>
> "2. Lanqas ma huwa minnu li l-Gvern akkwista l-art bis-sahha ta' xi dikjarazzjoni ta' esproprijazzjoni, u effettivament il-kuntratt tal-akkwist mas-sidien sal-lum qatt ma sar, biex b'hekk is-sidien originali tal-art ghadhom legalment il-pproprjetarji tal-istess.
>
> "3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Carmelo Scicluna, awtorizzat jintervjeni fil-kaz *in statu et terminis* in rapprezentanza ta' Scicluna Enterprises Limited b'digriet tat-23 ta' Novembru, 1992, li in forza taghha eccepixxa:

> "1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.
>
> "2. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat is-sentenza li tat il-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Ottubru, 2014, li in forza taghha cahdet it-talbiet kollha tal-atturi, bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"25.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

"25.1. Illi l-vertenza odjerna tikkoncerna sqaq li jaghti ghall-proprjeta` kemm tal-atturi kif ukoll tal-intervenut fil-kawza, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1.), aktar qabel;

"25.2. Illi permezz ta' kuntratt datat id-9 ta' Settembru, 1981, in atti tan-Nutar indikat aktar qabel, l-atturi dahhlu f'obbligazzjoni mall-konvenut Kummissarju tal-Artijiet biex il-Gvern jesproprija l-isqaq fuq indikat;

"25.3. Illi in effetti l-isqaq *de quo* gie debitament esproprijat permezz ta' dikjarazzjoni Presidenzjali datata s-6 t'Ottubru, 1981, (ara foll 9), *stante* li l-isqaq in dizamina kien mehtieg ghal skopijiet pubblici;

"25.4. Illi sussegwentement, permezz ta' dikjarazzjoni Presidenzjali ulterjuri datata t-13 t'Awwissu, 1991, (ara foll 11), parti mill-istess sqaq kien dikjarat li ma kienx ghadu mehtieg ghall-iskopijiet pubblici precedentement indikati;

"25.5. Illi l-istess Gvern kien asfalta l-istess sqaq;

"25.6. Illi ghalhekk l-atturi qed jitolbu li id-dikjarazzjoni tat-13 t'Awwissu, 1991, fuq indikata kienet irrita u nulla *stante* li l-istess sqaq kien gia` gie rez pubbliku u ghalhekk tali dikjarazzjoni kienet in vjolazzjoni tad-drittijiet akkwiziti mill-atturi mill-imsemmi kuntratt tad-9 ta' Settembru, 1981, fuq gia` riferit;

"Ikkunsidrat:

"26.0. Illi min-naha tieghu l-Gvern, *tramite* l-konvenuti sintetikament jirrileva:

"26.1. Illi hu ma kienx marbut jakkwista l-isqaq in dizamina;

"26.2. Illi kemm-il darba l-Gvern ma jakkwistax l-imsemmi sqaq, l-atturi jkunu intitolati li jinghataw lura il-flus minnhom imhallsa lill-konvenut Kummissjarju tal-Artijiet, senjatament hames mija u erbgha u ghoxrin Lira Maltin, (Lm524.00), (ara foll 8 u sussegwentement foll 6);

"Ikkunsidrat:

"27. Illi l-posizzjoni tal-intervenut fil-kawza *nomine* hi l-istess bhal dik ta' l-atturi;

"Ikkunsidrat:

"28. Illi jirrizulta li fit-28 ta' Lulju, 1976, is-Sur F. Buhagiar kien talab lid-Dipartiment tax-Xogholijiet biex l-isqaq in dizamina jinfetah bhala triq, (ara foll 169 u 171);

"29. Illi jirrizulta wkoll li l-isqaq *de quo* kien gia` ippjanat li jigi rez triq pubblika fit-13 t'Awwissu, 1976, (ara foll 168);

"30. Illi in effetti dan hu wkoll rifless fl-istess kuntratt datat id-9 ta' Settembru, 1981, li stabbilixxa:

> "And whereas the said plots are earmarked as a street in accordance with the scheme for the area, and therefore the Government has decided to acquire the said plots from their owners in terms of the Land Acquisition Ordinance ...", (ara foll 6);

"31. Illi permezz tad-dikjarazzjoni Presidenzjali datata t-23 ta' Settembru, 1981, (ara foll 12), il-porzjon art in dizamina kienet dikjarata li kienet mehtiega ghal skop pubbliku u li kienet ser tigi akkwistata b'*xiri assolut*, (ara foll 365);

"32. Illi pero` kif ritenut mill-abbli periti teknici nominati periti perizjuri, "ma jirrizultax li gie pubblikat l-akkwist imsemmi f'din id-dikjarazzjoni", (ara foll 365 u foll 151);

"Ikkunsidrat:

"33. Illi jirrizulta minflok li permezz ta' dikjarazzjoni Presidenzjali datata t-13 t'Awwissu, 1991, kien effettivament dikjarat li partijiet mill-isqaq *de quo* ma kienux aktar mehtiega ghall-iskop pubbliku precedentement indikat, (ara foll 12);

"34. Illi nonostante r-rifuzjoni indikata fil-kuntratt datat id-9 ta' Settembru, 1981, (ara foll 8 u paragrafu numru sitta u ghoxrin punt tnejn, (26.2.), aktar qabel), din ir-rifuzjoni hekk pattwita ma tirrizultax li saret, (ara foll 152);

"Ikkunsidrat:

"35. Illi jirrizulta li l-istess intervenut fil-kawza kien "... fil-frattemp ... mar quddiem il-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji fejn ikkwerja l-esproprju in kwistjoni u allega li (dan) ma sarx fl-interess

pubbliku izda biex jigi agevolat il-proprjetarju ta' l-art antigwa ...", (ara foll 152);

"Ikkunsidrat:

"36.0. Illi rigward ix-xogholijiet li saru mill-Gvern fl-isqaq *de quo* jinghad sintetikament is-segwenti, (ara foll 366);

"36.1. Nehha hajt li kien hemm f'nofs l-isqaq;

"36.2. Nehha kancell, sigar u hamrija;

"36.3. Ghamel xogholijiet ta' konkos u stalla arblu tal-elettriku;

"36.4. Ma jirrizultax li effetwa l-asfaltar kif allegat mill-attur;

"37. Illi nonostante s-suespost, skont il-kuntratt tad-9 ta' Settembru, 1981, dawn ix-xogholijiet kellhom minflok isiru mill-atturi, (ara foll 7);

"38. Illi l-attur Buhagiar "... waqqa` l-parapett li hu kellu jaghti ghall-passagg komuni u hareg il-garaxx ta' wara tieghu 'il barra u l-parapett hareg 'il barra b'mod li okkupa parti sostanzjali mill-passagg komuni", (ara foll 367);

"Ikkunsidrat:

"39. Illi mis-*Survey Sheets* ricenti tal-MEPA u mis-*Central Malta Local Plan* tal-istess Awtorita` spezzjonata mill-abbli periti perizjuri nominati jirrizulta li l-isqaq in dizamina ghadu sallum progettat bhala triq pubblika, (ara fol 369);

"40.0. Illi l-istess abbli periti perizjuri jissottolineaw is-segwenti:

"40.1. Illi f'kazijiet bhal dak in dizamina "ma ssirx esproprijazzjoni ... mill-Gvern izda dawn jibqghu proprjeta` tas-sidien rispettivi", (ara foll 369);

"40.2. Illi f'dawn il-kazijiet ikunu s-sidien li jkunu obbligati jiffurmaw it-triq ta' quddiemhom, u dan, a spejjez taghhom sal-*formation levels*;

"40.3. Illi l-istess sidien ikunu wkoll f'dawn ic-cirkostanzi obbligati jhallsu ghall-kontribuzzjoni tas-servizzi tat-triq u ta' l-infrastruttura, (ara foll 369);

"40.4. Illi t-toroq esproprijati huma dawk esproprijati wara talba appozita minn sidien li ma jkollhomx access ghall-proprjeta` taghhom – qabel ma tinfetah it-triq ta' quddiemhom li tkun proprjeta` ta' terzi - simili ghas-sitwazzjoni tal-atturi, (ara fol 369);

“ 40.5. Illi l-istess periti in dizamina isostnu li “billi l-isqaq ... jinsab miftuh u ffurmat, issir jew ma ssirx l-espropriazzjoni tieghu mill-Gvern, dan l-isqaq xorta wahda jibqa` triq pubblika, (ara foll 369);

“40.6. Illi konsegwentement, kemm -il darba s-sitwazzjoni tibqa` kif konstatata fil-paragrafu precedenti “... ma jistghux isiru xogholijiet bhal bini ta’ hajt f’nofs l-isqaq – billi dawn ix-xogholijiet ikunu qed isiru f’nofs triq pubblika”, (ara foll 369);

“40.7. Illi l-intervenut fil-kawza *nomine* ma jitlef xejn mill-uzu ta’ dan l-isqaq, (ara foll 369);

“Ikkunsidrat:

“41. Illi din il-qorti m’ghandha l-ebda raguni biex ma tistriehx fuq ir-rizultanzi u l-konkluzzjonijiet tal-esperti addizzjonali, anke wara l-eskussjoni ezawrjenti taghhom;

“42. Illi ghalhekk tiddikjara li qeghda taghmel taghha l-istess rizultanzi u konkluzjonijiet fuq indikati;

“Ikkunsidrat:

“43. Illi mir-rizultanzi kif fuq esposti u mill-mandat t’inibizzjoni wkoll riferit mill-atturi fic-citazzjoni promotrici taghhom, (ara foll 1 u 2), ghandu jirrizulta pacifiku li l-kawza odjerna hi l-frott ta’ dizgwid bejn il-girien fejn ghazlu li jarmu ghal kollox il-principji ghaqlin tal-*buon vicinat*;

“Ikkunsidrat:

“44.0. Illi tenut kont tas-suespost jirrizulta sintetikament is-segwenti:

“44.1. Illi nonostante id-diversi interventi ufficcjali fir-rigward, l-isqaq in dizamina hu “triq pubblika”;

“44.2. Illi ghalhekk, kwalunkwe xogholijiet li jistghu jsiru fih dejjem ikunu qed isiru fi “triq pubblika”;

“44.3. Illi *di piu`*, *ai termini* tal-kuntratt datat id-9 ta’ Settembru, 1981, l-aktar li l-atturi jistghu jippretendu mill-konvenuti huma l-hames mija u erbgha u ghoxrin Lira Maltin, (Lm524.00), indikati fl-imsemmi kuntratt, (ara foll 6);

“Ikkunsidrat:

“45. Illi ghandu jigi sottolineat li nonostante it-trapass ta’ zmien ezageratament twil riskonstrat, ma jirrizultax li sehhet id-dikjarazzjoni Presidenzjali biex jigi esproprijat l-isqaq *de quo*;

"46. Illi lanqas jirrizulta li sar l-awspikat kuntratt ta' trasferiment tal-isqaq *de quo* favur il-konvenuti;

"47. Illi f'dan il-kuntest jigi rilevat dak li din l-istess qorti diversament preseduta sosstniet fil-kawza **Stella Agius vs Anton Camilleri, datata d-9 ta' Settembru, 2001:**

> "Jibqa` pero` indubbjament, il-proprjetarju tal-fond, u dan sakemm isir il-kuntratt ta' trasferiment tal-fond favur l-awtorita` kompetenti... Id-dikjarazzjoni ta' l-espropriju nfisha pero`, ma tizvestax lis-sid mid-drittijiet proprjetarji tieghu, u dan jigri biss bil-pubblikazzjoni ta' l-att ta' akkwist kif previst fl-istess dikjarazzjoni";

"48. Illi kif ritenut mill-abbli rapprezentanti legali tal-konvenuti fin-nota taghhom fuq riferita, ghalkemm l-isqaq *de quo* effettivament hu miftuh ghall-publiku dan fih innifsu ma jirrendix dan l-isqaq bhala wiehed li jittrasferixxi xi titolu favur il-Gvern, (ara foll 472);"

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

> "tirrevoka l-precitata sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi moghtija fid-29 ta' Ottubru 2014 u b'hekk tiddeciedi billi fil-waqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet tal-atturi bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuti".

Rat ir-risposta tal-konvenuti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha:

> "tichad l-appell interpost mill-appellanti filwaqt illi s-sentenza ta' l-ewwel istanza tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti."

Rat ir-risposta tal-intervenut fil-kawza nominee li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti joghgobha:

> "tichad l-appell intavolat mill-appellanti filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza, l-atturi ghandhom fond il-Mosta biswit sqaq li qed jitolbu dikjarazzjoni li sar triq pubbliku bl-azzjoni tal-gvern in relazzjoni mal-istess art, inkluz li ta' l-asfalt. Jirrizulta wkoll li kien hemm zmien meta l-gvern kien sejjer jesproprja l-isqaq peress li qal li dan kien mehtieg ghall-skop pubbliku, pero`, sussegwentement il-gvern biddel il-hsieb u ddikjara li l-art in kwistjoni ma kenitx aktar mehtiega ghall-skop pubbliku. L-atturi jghidu li din it-tieni dikjarazzjoni hija nulla billi l-isqaq kien gia rez triq pubblika.

Irrizulta li bi ftehim datat 9 ta' Settembru, 1981, bejn l-atturi u l-gvern, peress li tal-ewwel riedu ftuh ghall-proprjeta` taghhom, talbu lill-gvern jesproprja u jiehu taht idejh bicciet ta' art biex jinfethu bhala triq. Fuq dan il-ftehim l-atturi ddepozitaw is-somma ta' Lm524 bhala kumpens ghall-akkwist tal-art. Skont il-ftehim, pero`, kienu l-atturi li kellhom "*to carry out at their exclusive expense the complete construction of the street*". Fl-istess ftehim intqal ukoll li "*nothing herein contained shall be considered*

*to compel the Government to complete the acquisition of the plots of land above mentioned*".

L-isqaq gie zviluppat fi triq u jidher ukoll li nghata l-asfalt, tant li l-ewwel perit tekniku nominat mill-ewwel Qorti biex jassistiha fil-gbir tal-provi, qal li "*l-atturi ppruvaw li l-asfaltar lahaq sar*". Jibqa' il-fatt, pero`, li l-gvern qatt ma esproprja l-art in kwistjoni, u anzi ddikjara li l-art ma kinitx aktar mehtiega ghall-skop pubbliku. Dan wassal lil Oliver Magro, ufficjal fl-Awtorita` tal-Ippjanar, jistqarr li l-art "*kienet allura privata*".

L-atturi qed jinsistu li l-agir tal-gvern in relazzjoni mal-istess art wassal ghall-fatt li l-art saret awtomatikament triq pubblika.

L-ewwel Qorti ma qablitx ma' din it-tezi tal-atturi, u wara appell tal-atturi, din il-Qorti wkoll taqbel mad-decizjoni tal-ewwel Qorti li l-art ma saritx pubblika b'dak li sar mill-gvern.

L-art in kwistjoni kienet tal-privat u ma sar ebda att ta' trasferiment favur il-gvern. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Sciberras v. Micallef**, deciza fit-2 ta' Frar, 1949, "*l-obbligu tal-manutenzjoni tat-triq jikkomprendu l-asfaltar taghha; u l-fatt li malli t-triq tigi asfaltata ghandha tigi moghtija lill-gvern ma jfissirx illi t-triq issir 'ipso facto' tal-gvern, imma illi l-proprjetarju*

*ghandu jaghmel mal-gvern il-kuntratt mehtieg ghat-trasferiment tal-proprjeta` tat-triq lill-gvern*" (Vol: XXXIII.i.822).

Il-fatt li l-gvern seta' kien hu li ghamel l-asfalt fit-triq u anke ghadda d-drenagg ghad-djar limitrofi, ma ghandux jigi interpretat illi b'daqshekk dik il-parti tat-triq hija proprjeta` pubblika (ara **Portelli v. Lepre`**, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Marzu, 1988).

Dan gie kkonfermat ricentement mill-istess Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Mosim Ltd v. Kummissarju tal-Artijiet**, deciza fl-10 ta' Lulju, 2019, fejn intqal ukoll li "*il-gvern m'ghandu l-ebda obbligu jesproprja t-toroq li gew iffurmati mill-privat u wisq anqas ihallas kumpens ghalihom*".

Kif inghad, bil-fatt li l-gvern ghamel xi xoghol fit-triq ma jrendix l-istess triq pubblika. Kif qalet ukoll din il-Qorti fil-kawza **Sammut v. Micallef**, deciza fil-21 ta' Marzu, 1958, "*jekk it-triq hija privata, ma jistax jinghad li saret pubblika ghax tkun ilha ghal zmien twil miftuha ghall-uzu pubbliku, jew ghax il-Gvern ikun ghamel fiha xi tiswijiet jew xi xoghlijiet ohra, bhal ma huwa d-drenagg; ghax triq vicinali hija suggetta ghas-servitu` ta' transit u uzu pubbliku; u l-Gvern ghandu dritt jaghmel fiha, mhux 'jure gestionis' imma 'jure imperji', dawk ix-xoghlijiet li jehtiegu fl-interess pubbliku, u b'dawk ix-xoghlijiet ma ghandhomx jitqiesu li saru atti kostitwenti pussess tat-triq*" (Vol: XLII.i.135).

Id-distinzjoni bejn atti governattivi "*jure gestionis*" u "*jure imperji*", illum ma ghadhiex topera fl-Ordinament Guridiku Malti, pero`, jibqa' il-principju, li triq ma issirx pubblika b'dak li jaghmel il-gvern fuq it-triq. Hu minnu wkoll illi meta triq tkun progettata u jsiru atti ta' manutenzjoni fuq l-art, tkun tezisti servitu` pubblika ta' uzu, li tikkonsisti fit-tranzitu – ara **Emidio Azzopardi et v. Salvu Ellis et**, deciza mill-Qorti tal-Magistrati, Ghawdex (Gurisdizzjoni Superjuri), fit-8 ta' Mejju, 2009.

Hekk ukoll, il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet **Kunsill Lokali Mellieha et v. Central Mediterranean Development Corporation Ltd (CENMED) et**, deciza fis-27 ta' Gunju, 2003, qalet espressament li l-fatt li triq tinfetah ghall-pubbliku, ma jfissirx li saret tal-gvern jew li l-obbligu tal-manutenzjoni taghha waqa' fuq il-gvern.

Interessanti hija l-kawza fl-ismijiet "**St George's Bay Hotel Ltd. v. Il-Kummissarju tal-Artijiet**", deciza fil-11 ta' Frar, 2011, fejn saru dawn l-affermazzjonijiet:

> "Ghaldaqstant peress li huwa l-obbligu tal-izviluppatur illi jiftah nofs it-triq quddiem il-proprjeta` tieghu, l-istess zviluppatur m'ghandux dritt li jigi kumpensat mill-Gvern. Inoltre`, dan mhux kaz ta' art mehtiega ghal skop pubbliku li trid tigi akkwistata mill-privat skond il-Kap 88 (Akkwist ta' Artijiet ghal Skop Pubbliku). L-artijiet mertu tal-kawza qatt ma jistghu jitqiesu li saru proprjeta` tal-Gvern, izda baqghu tal-privat.

> "Konsegwentement mhux necessarju li fir-rigward tal-artijiet tas-socjeta` attrici li fuqhom gew iffurmati Triq in-Nemes u Triq Santu Wistin tigi pubblikata d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta fis-sens li l-istess artijiet huma mehtiega ghal skop pubbliku u lanqas ma ghandu jinghata xi kumpens lis-socjeta` attrici. L-artijiet in kwistjoni kienu u baqghu proprjeta` tas-socjeta` attrici u meta l-izviluppatur (is-socjeta` attrici) ifforma t-triqat in kwistjoni huwa semplicement wettaq l-obbligu tieghu skond il-'planning scheme' li jifforma nofs il-wisa' tat-triq li tiffronta l-proprjeta` li tkun ser tigi zviluppata.
>
> …………
>
> "In effett il-Gvern ma akkwistax u, skond il-ligi, m'ghandux bzonn jakkwista xi titolu fuq l-artijiet in kwistjoni appartenenti lis-socjeta` attrici."

Fid-dawl tal-premess, hu zgur li l-ewwel talba attrici ma tistax tintlaqa', u ma jistax jinghad li l-art in kwistjoni saret pubblika, ghalkemm wiehed jista' jghid li tezisti servitu` pubblika ta' uzu fuqha.

Lanqas it-tieni talba ma tista' tintlaqa'. Kif rajna l-gvern ma ghandu ebda obbligu jesproprja toroq u lanqas ghandu bzonn jaghmel dan. Il-ftehim tad-9 ta' Settembru, 1981, ma jobbligax lill-gvern jiehu taht idejh l-art in kwistjoni. Kien biss arrangament milhuq fid-dawl tal-hsieb li wera l-gvern li jiehu taht idejh l-imsemmija triq. Il-gvern, pero`, ghamilha cara li ma kienx qed jobbliga ruhu li jibqa' ghaddej bl-esproprju, u fil-fatt fl-1991 iddikjara li l-art ma kinitx aktar mehtiega ghal skop pubbliku, u halla l-art f'idejn il-privat.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-atturi billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-atturi *in solidum*.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr